Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili Nru. 29/2014

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol numru 3029 bejn:**

**Albert Falzon (appellant)**

**vs**

**Melita Mobile Limited [C 35794] (appellata) u llum Melita plc**[1]

30 ta' Jannar 2017

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors ta' Albert Falzon tal-4 ta' Gunju 2012** quddiem it-Tribunal Industrijali permezz ta' liema huwa ppremetta li: (i) huwa gie ngaggat mis-socjeta' intimata Melita Mobile Ltd fil-11 ta' April 2011 bhala persuna responsabbli mill-*Mobile Shop Trailer* tas-socjeta' ntimata u r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet regolata permezz ta' kuntratt datat 6 ta' April 2011; (ii) il-klawsola numru 5(e) tal-kuntratt jistipula illi dan m'ghandux jitqies bhala kuntratt t'impjieg u li r-rikorrenti ghandu jitqies bhala *self-employed*; (iii) fil-31 ta' Jannar 2012 dahlet fis-sehh l-Ordni tal-2012 ta' Standard Nazzjonali dwar l-*Istatus* tal-Impjieg (L.N. 44 tal-2012), liema ordni tirregola l-i*status* tal-impjieg ta' persuni li huma dikkjarati *self-employed* u ai termini tal-Artikolu 3(1) ta' LN 44/12 persuna li l-istatus ta' mpjieg taghha huwa ta' persuna *self-employed* u li *prima facie* mhux kunsidrata bhala impjegata, ghandha tigi prezunta bhala impjegata u li l-persuna ghal min is-servizz ikun qed jigi pprovdut ghandha titqies bhala l-principal diment li din tissodisfa almenu hamsa mill-kriterji stabbilita taht dan l-artikolu; (iv) ir-rikorrenti ddikjara li huwa jissodisfa dawn il-kriterji u fil-kaz odjern ma saret l-ebda talba lid-Direttur sabiex ir-relazzjoni ta' bejnu u s-socjeta' intimata tigi ezentata milli titqies bhala wahda ta' mpjieg u la darba r-rikorrent jissodisfa almenu hamsa mill-kriterji elenkati fl-artikolu 3 tal-Ordni *de quo* ai termini tal-artikolu 4 tal-istess ordni l-intimat ghandu jigi ikkunsidrat li gie ingaggat bhala impjegat b' kuntratt indefinit tas-socjeta' ntimata; (v) fit-3 ta' Frar 2012 huwa rcieva Avviz ta' Terminazzjoni fejn gie nfurmat li skont klawzola nru 2 tal-kuntratt, il-perjodu ta' ngagg tieghu jiskadi fil-11 ta' April 2012; (vi) l-Artikolu 7 ta' L.N.44/12 jistabilixxi illi l-principal ghandu jibghat ittra ta' ingagg jew dikjarazzjoni ffirmata lill-impjegati fi zmien tmien gimghat mid-dhul fis-sehh

[1] Il-qorti tordna korrezzjoni gialadarba fit-twegiba gie ddikjarat li s-socjeta Melita Mobile Ltd giet 'merged' fil-kumpannija Melita plc.

ta' din il-L.N., haga li s-socjeta' intimata naqset milli taghmel; (vii) nonostante nterpellazzjoni permezz t'ittra datata l-10 ta' April 2012 sabiex ir-rikorrenti jigi kkunsidrat bhala impjegat tas-socjeta' intimata, l-istess socjeta' intimata naqset milli taghraf lir-rikorrenti bhala impjegat taghha ai termini tal-ligi. Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara illi: (1) huwa *qua self-employed* ingaggat mas-socjeta' intimata b'kuntratt datat 6 ta' April 2011 jissodisfa almenu hamsa mill-kriterji tal-artikolu 3(1) tal-L.N.44/12; (2) konsegwentament ir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata hija wahda ta' impjieg indefinit ai termini tal-artikoli 3 u 4 tal-L.N. 44/12; (3) is-socjeta' ntimata naqset milli ssegwi l-obbligi taghha ai termini ta' L.N.44/12 billi ma nfurmatx lir-rikorrent dwar it-tibdil fil-kuntratt tieghu minn wiehed ta' ingagg *self-employed* ghal wiehed ta' impjieg; (4) t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu da parti tas-socjeta' intimata kien ingustifikat u jikkontravvjeni dak provdut f'L.N. 44/12; u (5) jordna lis-socjeta' intimata tirrezumi l-ingagg tal-esponenti bhala wiehed ta' impjieg indefinit kif ukoll sabiex tirrimedja ghal komportament taghha fil-konfront tar-rikorrent u dan billi l-istess socjeta' intimata tikkumpensa kull telf li sofra, qed isofri jew jista' jsofri sakemm jinghataw ir-rimedji mitluba.

Rat **ir-risposta tas-socjeta' Melita Mobile Limited tat-13 ta' Lulju 2012**[2] permezz ta' liema hija eccepiet illi (i) t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghax ma jissodisfawx ir-rekwiziti tal-ligi; (ii) ir-rikorrent kien imqabbad biex jissuplixxi servizz lis-socjeta' intimata, konsistenti fl-irmunkar permezz ta' vettura tar-rikorrent ta' *trailer* proprjeta' tas-socjeta' intimata minn post ghal post skont il-htigijiet tas-socjeta' intimata u ai termini tal-kuntratt liberament accettat u ffirmat mill-partijiet; (iii) dawn is-servizzi ma humiex parti mill-*core business* tal-intimati, ma hemm hadd impjegat illi jissuplixxi xi servizz simili fil-gerarkija tas-socjeta' intimata, ir-rikorrent mhuwiex soggett ghal xi direzzjoni partikolari dwar kif jezegwixxi x-xoghol tieghu (ghajr ghal direzzjoni partikolari dwar fejn it-trailer ghandu jittiehed) u ghal kull aspett tax-xoghol kien responsabbli hu, nkluz jekk ikun il-kaz illi jqabbad lil min jghinu fix-xoghol jew jissostitwieh jekk ikun il-kaz.

Rat **id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tas-6 ta' Novembru 2014**[3] li ddecidiet hekk:

*"Abbazi tal-kunsiderazzjonijiet tieghu, t-Tribunal jiddeciedi illi r-rikorrenti ma jissodisfax hamsa mill-kriterji tar-Regolament 3(1) tal-iStandard Nazzjonali dwar l-iStatus tal-Impjieg u ghaldaqstant ma jiddikjarax illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija wahda ta' impjieg indefinit. Ghaldaqstant it-Tribunal jirrifjuta t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom."*

Ir-rikorrent appella mid-decizjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti u s-socjeta' appellata wiegbet[4]. Waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2016[5] dehru d-difensuri

[2] Fol 54.
[3] Fol 133 et seq.
[4] Fol 20.
[5] Fol 33.

tal-partijiet. Id-difensur tal-appellant iddikjarat li m'hemm xejn aktar x'jinghad mal-kontenut tar-rikors tal-appell.

Il-Qorti rat l-atti.

L-aggravji huma tnejn:

1. Id-decizjoni tat-Tribunal dwar uhud mill-kriterji tar-Regolament 3(1) tal-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Istatus tal-Impjieg ma hix bazata fuq motivazzjoni adegwata jew skont il-ligi; u
2. Il-principju tal-Qorti Ingliza citat mit-Tribunal fil-konkluzjoni tieghu huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern.

## Preliminari

Is-socjeta' appellata targumenta li l-aggravji mressqa ma jqajmu ebda punt ta' dritt izda biss apprezzament tal-fatti migjuba quddiem it-Tribunal.

Il-Qorti ma tqisx li dan huwa l-kaz. L-isfond tal-aggravji tal-appellant huwa l-allegata evalwazzjoni skorretta tal-provi mit-Tribunal fil-qafas tal-principji legali applikabbli ghall-kaz. Il-poter tal-iskrutinju tal-Qorti ghalhekk mhuwiex eskluz.

## Fatti.

1. B'kuntratt iffirmat fis-6 ta' April 2011, l-appellant gie nkarigat mill-appellata bhala kuntrattur sabiex jaghmel xoghol relatat ma' Mobile Shop Trailer. Id-dmirijiet tieghu gew deskritti bhala:

   *"(a) To tow the Mobile Shop Trailer, using his personal vehicle, to and from places and at times as determined by the Company.*
   *(b)To maintain, set-up, dismantle, clean and keep in a good working and presentable condition the Mobile Shop Trailer and the generator provided at all times.*
   *(c) To garage the Mobile Shop Trailer safely and securely whenever such is not being used.*
   *(d) To provide the fuel necessary for the functioning of the generator.*
   *(e) To respond to, in a timely manner, any requests or problems that arise and that are related to the general upkeep and everyday running of the Mobile Shop Trailer and generator.*
   *(f) To report back to the Retail Sales Manager before and after every job.*
   *(g) To be available to work a minimum of five days a week during normal office hours and at odd hours including late nights, weekends and public holidays even at short notice".*

2. Ghal dan is-servizz kellu jithallas €17,500 ghal sena, mhux inkuza t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Il-perjodu kien ta' sentejn, l-ewwel sena *di*

*fermo*.

3. Permezz ta' avviz tat-3 ta' Frar 2012 (fol. 12), l-appellata tat avviz lill-appellant li kienet qeghda tittermina l-ftehim mal-eghluq tal-ewwel sena.
4. L-appellant isostni li huwa jissodisfa l-kriterji stabbiliti f'regolament 3 tal-Ordni tal-2012 ta' Standard Nazjonali dwar l-Istatus tal-Impjieg (Avviz Legali 44 tal-2012), u ghalhekk jikkwalifika bhala mpjegat b'kuntratt indefinit mas-socjeta appellata.

**L-ewwel aggravju.**

Skont l-appellant, ghalkemm it-Tribunal sab korrettement li huwa kien jissodisfa tlieta mit-tmien kriterji elenkati Regolament 3(1) tal-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Istatus tal-Impjieg, id-decizjoni tieghu dwar uhud mill-kriterji rimanenti issawret fuq deliberazzjonijiet zbaljati.

Regolament 3(1) ta' din l-Ordni jipprovdi hekk:

*"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartiklu (2), meta jkun qed jigi kunsidrat l-istatus tal-impjieg ta' persuna illi hija ddikjarata bhala persuna self-employed u li prima facie mhux kunsidrata bhala impjegata, ghandu jitqies li hemm relazzjoni ta' impieg u li l-persuna ghal min is-servizz huwa provdut hija l-principal u illi d-dispozizzjonijiet tal-Att u tar-regolamenti jew ordni mahruga tahtu japplikaw ghal dik ir-relazzjoni jekk minn tal-anqas hamsa mill-kriterji li gejjin jigu sodisfatti rigward il-persuna li qed taghmel ix-xoghol:*

*(a)Hija tiddependi minn persuna wahda ghal min is-servizz qed jigi provdut ghal mill-inqas 75% tad-dhul f'perjodu ta' sena;*

*(b) Hija tiddependi fuq il-persuna ghal min is-servizz qed jigi provdut biex jigi stabbilit liema xoghol irid isir u fejn u kif ix-xoghol li gie assenjat irid jitwettaq;*

*(c) hija taghmel xoghol permezz ta' makkinarju, ghodda u materjali provduti mill-persuna ghal min is-servizz ikun qed jigi provdut;*

*(d) Hija tkun soggetta ghal skeda ta' hin tax-xoghol jew ghal perjodi ta' hin minimu ta' xoghol stabbilit mill-persuna ghal min is-servizz qed jigi provdut;*

*(e) Hija ma tistax taghmel sub-contracting tax-xoghol taghha lil individwi ohra floku meta jitwettaq dan ix-xoghol;*

*(f) Hija persuna integrata fl-istruttura tal-process ta' produzzjoni, l-organizzazzjoni ta' xoghol jew il-gerarkija tal-kumpannija jew ta' organizzazzjoni ohra;*

*(g) L-attivita` tal-persuna hija element centrali fl-organizzazzjoni u t-twettiq tal-ghanijiet tal-persuna ghal min is-servizz qed jigi provdut; u*

*(h) Hija taghmel xoghlijiet simili tal-impjegati ezistenti jew, fil-kaz ta' meta x-xoghol jigi outsourced, hija taghmel xoghlijiet simili ghal dawk li kienu jkunu mwettqa qabel minn impjegati."*

Fid-decizjoni tieghu it-Tribunal sab li l-appellant kien jissodisfa biss tlieta mit-tmien kriterji ta' dan ir-Regolament u cioe' sub-paragrafi (b), (d) u (e).

F'dan l-appell, l-appellant jargumenta li apparti dawn it-tlett kriterji huwa kien jissodisfa tlett kriterji ohra, u cioe' sub-paragrafi (a), (c) u (f). Fil-fehma tieghu, la huwa jissodisfa komplessivament sitta mit-tmien kriterji ta' dan ir-Regolament, kellu wkoll jitqies li jikkwalifika ghall-istatus ta' impjegat skont il-ligi. Ma sar ebda appell dwar il-konkluzjonijiet tat-Tribunal fir-rigward tas-sub-paragrafi (g) u (h) tal-Ordni.

**Fir-rigward tas-sub-paragrafu (a) tar-Regolament**, l-appellant iqis zbaljata l-konsiderazzjoni tat-Tribunal li d-dokumentazzjoni prezentata minnu dwar l-introjtu tieghu ma kinux jikkorrispondu ma' xulxin. Huwa jinsisti li ressaq kull prova possibbli fil-pussess tieghu dwar id-dhul tieghu ghal dik is-sena, liema provi kellhom juru li l-introjtu minn dan il-kuntratt kien jissupera l-75% tal-introjtu kollu tieghu.

It-Tribunal qal hekk:

*"It-Tribunal jirrimarka li dwar dan il-kriterju r-rikorrenti pprezenta dokumenti mad-dikjarazzjoni tal-kaz li juru l-introjtu tieghu minn mas-socjeta` intimata, minn mal-Go Mobile u minn mal-Buskett Roadhouse. Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jirreferi ghal introjtu minn mas-socjeta` intimata u minn mal-isptar St. James. Hawnhekk it-Tribunal jirrimarka illi l-informazzjoni li inghatat fid-dokumenti pprezentati u li inghatat fix-xhieda ma jaqblux. It-Tribunal jirrimarka ukoll illi, hekk kif gie sollevat tajjeb mill-kumpannija, ma giet ipprezentata l-ebda dokumentazzjoni konklussiva dwar id-dhul f'perjodu ta' sena tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ukoll irrefera illi kien jithallas ghall-bejgh pero` d-dokument li juru l-invoices mibghuta lis-socjeta` intimata ma jirreferux ghal liema servizzi qed jirreferu."*

Sabiex jigi meqjus sodisfatt, is-sub-paragrafu (a) tar-Regolament jesigi li l-appellant ikun jiddependi mis-socjeta' appellata ghal mill-inqas 75% tad-dhul tieghu ghall-perjodu bejn il-11 t'April 2011[6] u l-11 t'April 2012[7].

Mill-atti jirrizulta li:

1. Skont il-kuntratt tas-6 t'April 2011 l-appellant kellu jircievi s-somma ta' €17,500 eskluz il-VAT fis-sena ghas-servizzi tieghu lis-socjeta' appellata;

2. Mad-dikjarazzjoni guramentata[8] l-appellant esebixxa dokumentazzjoni[9] dwar id-dhul tieghu ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2011 u s-6 t'April 2012 li turi li l-appellant kellu ntrojtu ta' €24,360.87 minghand is-socjeta' appellata, €599.58 minghand il-Go Mobile u €2,572.40 minghand il-Buskett Roadhouse;

---

[6] Klawsola 1 tal-kuntratt a fol 4.
[7] Skont ittra ta' terminazzjoni tal-kuntratt a fol 12.
[8] Gurament mehud waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2012.
[9] Fol 22 u 23.

3. Waqt ix-xhieda tieghu fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2012 l-appellant esibixxa *Customer Statament for Melita Mobile Ltd*[10] li juri hlasijiet minghand is-socjeta' appellata lill-appellant ghas-somma ta' €24,571.16 kif ukoll is-somma ta' €2,016 li l-appellant ircieva minghand Saint James (Capua) Hospital Ltd.

L-oneru tal-prova jispetta lill-appellant.

Fir-rigward tal-introjtu tieghu mis-servizzi moghtija lis-socjeta' appellanti, il-Qorti qabblet il-figuri ndikati f'Dok A a fol 22 ma' dawk indikati f'Dok AF 1 a fol 58-59 u sabet li l-hlasijiet, id-dati u n-numri tal-invoices li jirrigwardaw is-socjeta' appellata huma kollha kompatibbli hlief ghal (i) invoice nru 26 ghas-somma ta' €210.29 li thallset lill-appellant u li tidher biss fid-dokument a fol 59; u (ii) invoice nru 7 ghas-somma ta' €401.95 li wkoll tidher biss fid-dokument a fol 58 izda li ma jidhirx li thallset. Huwa sinifikanti li dawn il-figuri ma gewx michuda mis-socjeta' appellata u ghalhekk il-Qorti ma tarax il-ghala m'ghandhiex temminhom. Inoltre l-ligi tirreferi ghal "dhul" u ghalhekk huwa mmaterjali jekk l-introjtu tal-appellant minghand is-socjeta' appellata kienx ghas-servizzi moghtija minnu skont il-kuntratt tas-6 t'April 2011 jew bhala *commission* fuq servizzi ohra li l-appellant ta lis-socjeta' appellata biex jinstabu promoturi li lesti jbieghu is-servizzi taghha[11].

Huwa minnu li l-appellant ma ressaqx dokumenti ufficjali bhall-*income tax* return dwar l-introjtu kollu tieghu ghall-perjodu relattiv, izda fl-atti hemm ix-xhieda guramentata tal-appellant li l-uniku ntrojtu li kellu f'dik l-epoka kien minghand is-socjeta' appellata, il-Buskett Roadhouse, mill-Go Mobile u mill-isptar St.James. Din il-verzjoni ssib korraborazzjoni fid-dokumentazzjoni li ma gietx skreditata bi prova kuntrarja u lanqas saret xi talba biex tigi sostanzjata b'dokumentazzjoni ohra ufficjali. Fic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax il-ghala ghandha tiddubita minn din ix-xhieda u mid-dokumentazzjoni mressqa meta dawn ma gew kontradetti b'ebda mod bi provi kuntrarji.

Huwa veru wkoll li fid-dikjarazzjoni originali l-appellant ma kienx ghamel referenza ghall-introjtu mill-isptar St James, izda sussegwentement meta xehed huwa mhux biss irrefera ghal dan il-qliegh izda wkoll pprezenta r-rendikont ufficjali tat-taxxa dwaru.

Fic-cirkostanzi fuq bazi ta' probabilta' l-introjtu tal-appellant minghand is-socjeta' appellata fil-perjodu bejn April 2011 u April 2012 kellu jitqies li jilhaq il-75% tal-introjtu kollu, u ghalhekk l-ewwel kriterju a tenur tas-sub-paragrafu (a) tar-Regolament ghandu jkun meqjus sodisfatt.

**Fir-rigward tas-sub-paragrafu (c) tar-Regolament**, l-appellant jargumenta li ma kinitx "l-intenzjoni" tal-partijiet li kellha tigi evalwata mit-Tribunal, izda jekk <u>bhala fatt</u> huwa kienx qieghed juza makkinarju, ghodda

---

[10] Fol 58-59.

[11] Dikjarazzjoni tal-kaz a fol 20.

u/jew materjali tas-socjeta' appellata. L-appellant jghid li l-kuntratt bejn il-partijiet jipprovdi car li l-*generator*, li huwa essenzjali sabiex jintuza l-*mobile shop*, kien provdut mis-socjeta' ntimata skont klawsola 5(b) (iii) tal-kuntratt). La dan il-fatt ma nghatax il-piz misthoqq mit-Tribunal, l-analizi tieghu ma saritx skont il-ligi.

Ghandu ragun l-appellant safejn jargumenta li l-ezercizzju mehtieg *ai fini* ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi mhuwiex limitat ghall-intenzjoni tal-partijiet kif deskritta fil-kuntratt izda t-Tribunal ghandu jfittex li jistabilixxi jekk, independentement minn dak li jghid il-kuntratt dwar l-i*status* tal-persuna bhala *self-employed*, ir-realta' tal-fatti rigwardanti dak ix-xoghol jew servizz twassalx ghal holqien ta' relazzjoni ta' mpjieg bejn il-partijiet.

Dwar dan il-kriterju t-Tribunal qal hekk:

*"It-Tribunal jirrimarka illi hawn jidher li hawn kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-interpretazzjoni ta' dan is-sub-regolament. It-Tribunal jaghmel referenza ghal Annex 1 tal-kuntratt bejn il-partijiet fejn huma stipulati s-servizzi tar-rikorrenti, fosthom*

*'To tow the Mobile Shop Trailer, using his personal vehicle, to and from places and at times as determined by the Company.'*

*Ghalkemm il-Mobile Shop Trailer huwa proprjeta` tal-kumpannija, huwa car li l-makkinarju sabiex isir ix-xoghol, li huwa dak ta' 'towing the Mobile Shop Trailer' huwa tar-rikorrenti u cjoe` l-vettura personali tieghu. Skont klawsola 5 (h) tal-istess kuntratt, ir-rikorrenti kellu obbligi ohra fejn jintuzaw makkinarji, ghodda jew materjali ohra minnu stess, inkluz, polza ta' assikurazzjoni, garaxx ghall-Mobile Shop Trailer meta dan ma jkunx qed jintuza, kif ukoll responsabbilta` ghall-running costs tal-generator inluz il-fuel sabiex dan jithaddem. L-ispejjez tal-vettura personali kienu ukoll a kariku tar-rikorrenti. F'relazzjoni ta' impjieg, meta vettura tintuza ghal skopijet ta' xoghol, l-assikurazzjoni, il-fuel u running costs ghaliha jithallsu mill-principal ghaldaqstant hawnhekk jidher li fir-rigward ta' dan il-kriterju ma kienx hemm l-intenzjoni sabiex ir-relazzjoni tkun wahda ta' impjieg."*

Fil-kaz odjern, ma hemm ebda dubju li l-intendiment tal-partijiet fl-iffirmar tal-ftehim tas-6 t'April 2011 kienet proprju li r-relazzjoni ta' mpieg tkun eskluza kif indikat fi klawsola 5 (e) – *"The Parties stipulate that the relationship between them is governed solely by this Agreement and in particular any employment relationship is excluded sucha that the Contractor shall be responsible for and take to his own account all obligations connected with his self-employment……."*

Id-diversi klawsoli tal-kuntratt tas-6 t'April imbaghad jixhtu dawl fuq l-oneru ta' responsabbilta' ghal dak li huwa twettiq tax-xoghol permezz ta' makkinarju, ghodda u materjali:

i. Il-preambolu A. tal-kuntratt jghid li s-servizz mehtieg mis-socjeta' appellata huwa ta' servizz, *"to generally care for and maintain the Mobile Shop Trailer as defined in and in accordance with the terms of the Agreement"*;

ii. Is-socjeta' appellata ntrabtet illi tipprovdi lill-appellant b'generator (li kellu jibqa' jitqies bhala proprjeta' tas-socjeta' appellata) sabiex jintuza

esklussivament mal-*Mobile Shop Trailer* skont il-htigijiet tas-socjeta'[12]. Madankollu, l-appellant kien responsabbli ghar-*running costs* ordinarji kollha marbuta ma' dan il-generator inkluz il-*fuel* mehtieg ghall-uzu tieghu. Huma biss l-ispejjez straordinarji li kellha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta' appellata[13];

iii. Spejjez addizzjonali inkorsi ghall-ghoti tas-servizz gewwa Ghawdex (vapur, akkomodazzjoni ecc), kif ukoll il-licenzji u l-permessi mehtiega ghall-uzu tal-Mobile Shop Trailer kellhom ikunu a karigu tas-socjeta' appellata[14];

iv. Spejjez relatati ma' licenzji u permessi ghall-ghoti tas-servizz mill-appellant lis-socjeta' appellata[15], il-hlas ta' taxxa fuq id-dhul u VAT[16], il-pussess ta' licenzja valida tas-sewqan[17], ta' polza valida tal-assikurazzjoni kontra r-riskji[18] u ta' polza valida tal-assikurazzjoni li tkopri il-*Mobile Shop Trailer*[19] kellhom ikunu a karigu tal-appellant;

v. Meta ma jkunx qed jigi wzat, l-appellant kellu jzomm il-*Mobile Shop Trailer* gewwa l-garaxx personali tieghu li ghalih kellu wkoll ikun kopert b'polza tal-assikurazzjoni[20];

vi. L-irmunkar tal-Mobile Shop Trailer kellu jsir bil-vettura personali tal-appellant, ghall-liema huwa kellu jiehu hsieb li jkun kopert b'assikurazzjoni valida fuqha. Il-*maintenance* u r-*running costs* kollha marbuta ma' din il-vettura personali kellhom ikunu a karigu tal-appellant[21];

vii. Klawsola 6 taghmel referenza ghal materjal u apparat li kien provdut lill-appellant mis-socjeta' appellata. Ghalkemm l-inventarju li fih kien hemm il-lista taghhom bhala Annex B ma jidhirx li gie prezentat in atti, dan jinkludi fost ohrajn *"televisions, generators, marketing material etc…."*;[22]

viii. Elenku tas-servizzi mistennija mill-appellant jinsab f'Annex A tal-Kuntratt.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz, l-appellant jikkonferma li dak li kien jaghmel fil-prattika kien kompatibbli ma' dak stipulat fil-kuntratt u cioe' li:

*"…xogholu kien li johrog il-Mobile Shop Trailer mill-garage tieghu personali, jiehdu fil-hin u fuq il-post fejn jigi ndikat lilu mis-socjeta' intimata, jarmah, iqabbdu mad-dawl u xi kultant*

[12] Klawsola 5 (b) (iii).
[13] Klawsola 5 (h) (vi).
[14] Klawsola 5 (b) (i) u (ii).
[15] Klawsola 5 (f).
[16] Klawsola 5 (e).
[17] Klawsola 5 (h) (i).
[18] Klawsola 5 (h) (ii).
[19] Klawsola 5 (h) (iv).
[20] Klawsola 5 (h) (iii) u (iv).
[21] Klawsola 5 (h) (v).
[22] Fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal, l-appellant jirreferi wkoll ghal imwejjed u siggijiet li kienu jigu provduti mis-socjeta' appellanti.

*kien joqghod jistenna l-kuntrattur jigi jaghtihom l-internet connection. Xi drabi kien jibqa' fuq il-post jistenna sa ma' jlestu, u drabi ohra kien imur lura d-dar imbaghad kien jerga' jmur izarma l-Mobile Shop Trailer u jiehdu lura fil-garage tieghu.*

*Illi barra minn hekk, meta kien jispiccalhom il-petrol tal-generator kien imur igibilhom aktar, kien jahsel il-Mobile Shop Trailer, jifthu, jarmah u sahansitra jzejnu f'xi okkazjonijiet partikolari, skont ir-responsabiltajiet tieghu kif stipulati fil-kuntratt. Di piu' huwa kien anke jiehu l-Mobile Shop Trailer ghal branding Burmarrad biex ikunu jistghu jaghmlulu l-istickers necessarji u gie li anke spicca jwahhalhom huwa stess ghaliex ma jkunux gew imwahhlin sew*[23]*."*

Huwa zied li ghalkemm kien ghamel prosposta biex il-kuntratt ikun estiz ghal servizzi ohra, din ma ntlaqghetx u *"ghalhekk il-kuntratt li kien gie ffirmat eventwalment kien ikopri biss il-Mobile Shop Trailer u dawk l-affarijiet relatati mieghu bhal petrol u l-garage*[24]*."*

Brian Micallef ghas-socjeta' appellata apparti li jikkonferma li l-garr tal-*Mobile Shop* proprjeta' taghha kien isir bil-vettura tal-appellant[25] qal ukoll li Falzon kellu l-liberta' jimla' *fuel* minn fejn irid u kien f'idejh ukoll kemm jahli *fuel*. L-ispejjez tal-*fuel* kienu parti mill-ftehim shih bejn il-partijiet. Jekk it-*Trailer* ikollu *puncture*, Falzon kien icempel lill-persuna li biha kienu jahdmu s-socjeta' appellata biex jaghmel li hemm bzonn, imbaghad ma' din il-persuna kienu jirrangaw dirett is-socjeta' appellata[26]. Il-*maintenance* u s-*service* tal-vettura tieghu li biha kien jigbed it-*Trailer*, is-socjeta' appellata ma kellha xejn x'taqsam maghha[27]. Dwar materjal iehor, Micallef xehed hekk:

*"Dr. Ian Vella Galea: ….kien hemm xi affarijiet ohra apparti l-generator li kontu pprovdejtu intkom? Relatati mal-attivita' li ssir fil-mobile van.*

*Xhud: Jekk kienu jmorru n-nies jiehdu hsieb idahhlu l-ordnijiet kienu jtellghu l-computer maghhom u jahdmu bih imma jergghu johduh lura maghhom, jidhirli li kien hemm xi printer fejn setghu jipprintjaw xi affarijiet, huma parti mill-mobile van li jkun mal-mobile van, dawk l-aktar, imbaghad kien hemm affarijiet bhal ma huma brochures, konna nirriplejsawhom skont iz-zmien*[28]*."*

Micallef isemmi wkoll ix-xiri ta' *speakers* mis-socjeta' ntimata li kienu jintuzaw mill-appellant sabiex titqajjem l-atmosfera waqt l-attivitajiet, liema *speakers* illum jinsabu fil-pussess tas-socjeta' appellata[29].

Maghmulin dawn l-osservazzjonijiet fattwali, l-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li l-appellant jissodisfa dan il-kriterju. Huwa minnu li l-*Mobile Shop Trailer* u l-*core items* relatati mieghu (bhal materjal ta' promozzjoni u *generator*) kienu suppliti minn u baqghu dejjem proprjeta' tas-socjeta' appellata izda b'daqshekk ma jfissirx li dan ix-xoghol seta' jsir bihom biss.

---

[23] Fol 19 u 20.
[24] Fol 20.
[25] Fol 103 u 104.
[26] Fol 108.
[27] Fol 105-106.
[28] Fol 110.
[29] Fol 110.

Jirrizulta nfatti li l-appellant kellu numru sew ta' responsabbiltajiet kuntrattwali fuq spalltu u li kienu ndispensabbli ghat-twettiq ta' dan ix-xoghol, ewlenin fosthom li jipprovdi personalment il-vettura ghall-garr tat-*Trailer* u l-generator u cioe' l-vettura personali tieghu, l-iggaraxxjar tal-istess fil-garaxx personali tieghu, kif ukoll obbligi ohra relatati ma' *general maintenance*, assikurazzjoni, *fuel* u *running costs* ohra marbutin ma' dan it-*Trailer*. Mehudin dawn l-obbligi tal-appellant fil-kwadru shih tal-fatti u provi prodotti difficilment jista' jitqies li dawn jirrispekkjaw relazzjoni tipika u ordinarja ta' mpjieg bejn impjegat u *employer*.

**Fir-rigward tas-sub-paragrafu (f) tar-Regolament**, l-ilment tal-appellant jiccentra madwar il-fatt li t-Tribunal ikkunsidra biss jekk huwa kienx ibiegh jew le s-servizzi tas-socjeta' appellata u waqaf hemm. Ghall-appellant invece kellu jirrizulta mill-provi li fil-kors tal-kuntratt in kwistjoni is-socjeta' ntimata kellha biss *mobile shop* wiehed u li dan kien ferm importanti ghall-bejgh taghha tant li f'kaz li l-appellant ma kienx ikun f'qaghda li johrog bih, hadd aktar ma seta' jaghmel dan, mhux biss minn naha tas-socjeta' ntimata ghax ma kien hemm hadd izda lanqas terzi persuni peress li *sub-contracting* kien projbit skont il-kuntratt. Dan ghall-appellant ifisser li xoghlu kien jifforma parti mill-organizzazzjoni ta' xoghol tas-socjeta' appellata.

It-Tribunal qal hekk:

*"Ir-rikorrenti kkontenda illi minhabba l-Mobile Shop kien l-unika wiehed li l-kumpannija kellhom jekk ma kienx ir-rikorrenti li johrog bih minhabba li ma kellhom lil hadd izjed johrog bih, allura hija ovvja illi huwa jifforma parti ntegrali mill-produzzjoni tal-kumpannija. L-argument migjub mis-socjeta` intimata huwa li ghalkemm hija taghmel ix-xoghol minn go dan il-Mobile Shop il-garr ta' trailers mhuwiex ix-xoghol tal-istess socjeta` u hawnhekk it-Tribunal jerga' jenfasizza li l-kuntratt ta' bejn il-partijiet kien servizz ghall-garr tal-Mobile Shop u mhux ghall-bejgh tas-servizzi tal-kumpannija. Fid-dikjarazzjoni tieghu r-rikorrenti jghid li illi inizzjalment il-kuntratt bejnu u bejn is-socjeta' intimata kellu jkun ta' €35,000 fis-sena sabiex ikopri l-ispejjez tal-petrol ghall-van personali tieghu u ghall-generator, il-paga tieghu biex jiehu l-Mobile Shop Trailer minn post ghall-iehor, biex izommu fil-garage tieghu, il-pagi ta' 4 min-nies sabiex ihaddimhom bhala promoters ghas-socjeta' intimata, pero' din l-idea ma kinitx giet accettata u ghalhekk il-kuntratt li kien gie iffirmat eventwalment kien ikopri biss il-Mobile Shop Trailer u dawk l-affarijiet relatati mieghu bhal-petrol u l-garage. Ir-rikorrent kompla jghid illi xorta wahda kien jghinhom isibu n-nies biex jahdmu ghas-socjeta' intimata bhala promoters, pero' fuq bazi ta' commission u mhux paga kif kienet il-proposta inizzjali tieghu. Ir-retail sales manager, Brian Micallef, sahansitra kien jinfurmah fuq is-sales targets li kien ikollhom ghal certu events sabiex ikun jista' jghinu jsib promoters ghal dawk l-events. Permezz ta' din id-dikjarazzjoni tohrog aktar cara illi xoghol ir-rikorrenti ma kienx li jbiegh pero` li jirmonka l-Mobile Shop. Brian Micallef xehed li fl-ahhar ftit xhur ir-rikorrenti sempliciment kien iwassal il-mobile van fil-post u joqghod hemmhekk jghid kelma jew jitlaq u jerga' jmur ghall-Mobile Unit. It-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghall-kaz Stevenson, Jordan and Harrison Ltd. V. Macdonald and Evans (1952) 1 TLR 101 fejn inghad illi 'under a contract of service a man is employed as part of the business but under a contract for services if his work, although done for the business, is not integrated into it but only accessory to it.' Ghaldaqstant fir-rigward ta' dan il-kriterju t-Tribunal iqis illi l-argumenti tal- kumpannija ireggu aktar minn dawk mressqa mir-rikorrenti."*

Fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal, l-appellant insista li huwa jinkwadra fil-gerarkija organizzattiva tas-socjeta' appellata ghax fi kliemu, *"jekk huma riedu*

*biex imorru jarmaw ghal event, u riedu jarmaw il-vann per ezempju l-Birgu u jien ma mmurx…B'mod awtomatiku, waqfu x-xoghol kollu…*[30]*"*.

Jirrizulta li l-istruttura u l-organizzazzjoni primarja tas-socjeta' appellata hija dik ta' bejgh ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, liema bejgh kien isir kemm mill-*Mobile Shop Trailer* li fl-epoka kien suggett ghall-kuntratt bejn il-partijiet, kif ukoll mill-hwienet varji tal-istess socjeta'. Huwa veru li kif qal Brian Micallef it-*Trailer* kien meqjus importanti ghall-bejgh tas-servizzi tal-Kumpanija[31], izda apparti l-fatt li t-*Trailer* innifsu kien u baqa' dejjem proprjeta' tas-socjeta' appellata', huwa l-bejgh minn dan it-*Trailer* li jifforma parti mill-istruttura ta' xoghol tal-kumpanija. Il-Qorti, l-istess bhat-Tribunal, tqis invece li s-servizz primarju moghti mill-appellant lis-socjeta' appellata – <u>il-garr tat-Trailer</u> minn lokalita' ghall-ohra – ma jinkwadrax ruhu fil-*core business* tal-istruttura taghha u ghalhekk ma tistax tikkondividi mal-argumenti tal-appellant fl-isfond ta' dan il-kriterju. Kif ukoll ben argumentat mis-socjeta' appellata quddiem it-Tribunal, ir-rwol tal-appellant fil-katina tal-organizzazzjoni taghha kien wiehed accessorju izda mhux intergrali[32]. Ghaldaqstant ma jistax jitqies li l-appellant jissodisfa dan il-kriterji tal-ligi.

Huwa veru li kien hemm xi zmien meta l-appellant kien jipprovdi wkoll servizz ta' assistenza lis-socjeta' appellata biex jinstabu *salespersons* li jistghu ibieghu il-prodotti u servizzi u dan fuq bazi ta' *commission,* liema fatt huwa rikonoxxut mill-appellant stess fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu[33]. Izda dan ma jirrendihx partecipi direttament fil-bejgh innifsu tal-istess prodotti u servizzi.

Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva wkoll li ghalkemm fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal l-appellant qal li l-*commission* li kien jaqla' minghand is-socjeta' appellata kienet tkopri wkoll bejgh ta' servizzi u prodotti minn fuq it-Trailer[34], din mhux mhux biss mhijiex sostnuta fid-Dikjarazzjoni Guramentata tal-Kaz tieghu izda hija wkoll kontradetta minn Brian Micallef li qal li l-bejgh minn fuq it-Trailer kien isir mill-istaff tal-Melita u mhux mill-appellant[35].

## <u>**It-tieni aggravju.**</u>

L-appellant jilmenta minn dak li huwa jsejjah "kontradizzjoni" kommessa mit-Tribunal in kwantu, fil-fehma tieghu, fl-istess nifs li t-Tribunal kien obbligat skont il-ligi nostrali li jezamina l-kriterji tar-Regolament 3 in ezami ndipendentement minn xulxin huwa ccita gurisprudenza estera li tafferma l-principju li l-kaz ghandu jigi evalwat fit-totalita' tieghu.

---

[30] Fol 69.
[31] Fol 83.
[32] Fol 122.
[33] Fol 20.
[34] Fol 91 u 92.
[35] Fol 87-88.

Dan l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Mid-decizjoni tat-Tribunal hu car li ezamina kull kriterju li hemm f'regolament 3 tal-Avviz Legali 44 u ta r-ragunijiet li wassluh biex ighid dak li qal. Il-pregudizzju ghall-appellant ma jezistix.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

1. **Tilqa' biss l-ewwel aggravju sa fejn jolqot is-sub-paragrafu (a) tal-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Istatus tal-Impjieg u tichdu fir-rigward tal-kumplament.**
2. **Tichad it-tieni aggravju.**
3. **Peress li l-appellant fi kwalunkwe kaz ma jissodisfax hamsa mill-kriterji tar-Regolament 3 (1) tal-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Istatus tal-Impjieg, tichad l-appell.**
4. **Spejjez kollha a karigu tal-appellant.**

Anthony Ellul